TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 100/13/GB

**Fabian Scicluna**

**vs**

**Cellefonic**

Illum 31 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Mejju, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal mobile phone li xtara minghand is-socjeta' ntimata, liema mobile phone kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjêta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara mobile tad-ditta 'Samsung Galaxy' ghall-prezz ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00) fil-15 ta' Frar 2012. Wara ftit xhur, dan il-mobile mill-ewwel beda jaghtih il-problemi. Ir-rikorrent kien hadu l-hanut u qalilhom bil-problema, fejn is-socjeta' ntimata kienet zammet il-mobile. Bhala problema, il-mobile kien beda jirbombja kemm min-naha tar-rikorrent kif ukoll ma' min ikun qed jitkellem. Wara sitt xhur, il-mobile kien rega' beda jaghmel l-istess u ftit ijiem wara kienet ser taghlaq il-garanzija, ghaliex bhala garanzija kellu sitt xhur parts u labour u sitt xhur labour biss.

Ir-rikorrent kien talab li jinghata mobile gdid, izda mbaghad wara li l-mobile ghamel gimgha ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, gie nformat li ma kellu xejn hazin u li s-socjeta' ntimata kienet geddidtlu l-garanzija b'sitt xhur ohra bhala parts u labour.

It-tielet darba l-mobile kellu lista twila ta' problemi u dan gara ghall-habta ta' Jannar li ghadda.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21220080

Ir-rikorrent qed jitlob jew li jinghata l-flus lura, jew li jinghata mobile gdid, ghaliex issa ghalqet il-garanzija u jekk jibqa' bil-mobile li ghandu, l-ispejjez se jkunu kollha ghalih.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi ghalkemm hija ma kellha l-ebda obbligu li tiehu din il-problema f'idejha minhabba li r-rikorrent kien xtara l-mobile in kwistjoni minghand 'Cellphone', hija xorta wahda xtaqet taqdieh u ghalhekk offriet li tbiddel il-mobile kompletament minn gewwa, jigifieri l-mobile ikun prattikament gdid hlief il-casing. Xehdet ukoll illi wara li sewwiet il-mobile in kwistjoni ma kenitx baqghet tirbombja, u t-tielet darba li r-rikorrent kellu problema, din id-darba bic-carger, hija kienet solvietlu din il-problema wkoll.

It-Tribunal jinnota illi minkejja l-offerta li saret da parte tas-socjeta' ntimata li l-mobile jinbidel kompletament minn gewwa u li ghalhekk il-mobile ikun gdid hlief ghall-casing tieghu u anke ggeddidlu l-garanzija ghal sitt xhur ohra, minghajr pregudizzju, ir-rikorrent baqa' ma accettax tali offerta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi wara li saret tali offerta, liema offerta ma gietx accettata mir-rikorrent minghajr ebda raguni valida, is-socjeta' ntimata ddikjarat illi kienet ser tibqa' tonora l-imsemmija offerta pero' minghajr it-tigdid tal-garanzija.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota madanakollu, l-offerta maghmula mis-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata tbiddel il-mobile phone in kwistjoni fl-intier tieghu, bl-uzanza tal-'casing' ezistenti ta' l-imsemmi mobile phone, a spejjez tas-socjeta' ntimata, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**